



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Marzu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0047(NLE)

7030/20
ADD 1

COHOM 28
COPS 101
RELEX 242
CFSP/PESC 277
CONUN 69
COSCE 2
DEVGEN 38
FREMP 27
JAI 266

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Marzu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2020) 6 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta konġunta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL LILL-KUNSILL EWROPEW dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tidentifika l-oġġetti strateġiċi tal-Unjoni li għandhom jiġu segwiti permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2020) 6 final ANNEX

Mehmuż: JOIN(2020) 6 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 25.3.2020
JOIN(2020) 6 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta konġunta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL LILL-KUNSILL EWROPEW

**dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tidentifika l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni li għandhom
jiġu segwiti permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-
Demokrazija 2020-2024**

ANNEX

IL-KUNSILL EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 22, il-paragrafu 1, tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill,

Billi

- (1) L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali jeħtieġ tkun gwidata mill-prinċipji li nebbħu l-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.
- (2) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni jeħtieġ li jkunu jirrigwardaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni kif ukoll oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-Unjoni. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jkunu jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiż jew reġjun speċifiku jew jistgħu jkunu ta' natura tematika.
- (3) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija propost mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni bħala protagonista fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja, li jstabbilixxi l-ambizzjonijiet, jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-azzjoni u l-implimentazzjoni, li jimmassimizza r-rwol tal-Unjoni fix-xena globali billi jamplifika "s-sett ta' għodod dwar id-drittijiet tal-bniedem", u li jrawwem UE magħquda u koordinata permezz tal-promozzjoni ta' azzjoni aktar effiċjenti u koerenti.
- (4) L-oġettivi ta' hawn fuq se jiġu segwiti permezz ta' ħames linji ta' azzjoni interkonnessi u f'sinerġija ma' xulxin - il-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-individwi; il-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi; il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; teknoloġiji ġodda: l-użu tal-opportunitajiet u l-indirizzar tal-isfidi; il-ksib ta' riżultati permezz tal-kollaborazzjoni.
- (5) Huwa xieraq li l-Pjan ta' Azzjoni jiġi approvat b'deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew sabiex ikun jippermetti azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni mill-Unjoni u mill-Istati Membri.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-azzjoni esterna tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandha ssegwi l-oġettivi strateġiċi li ġejjin:

- it-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala protagonista fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja;
 - l-istabbiliment tal-ambizzjonijiet tal-UE, l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-azzjoni u l-iffukar fuq l-implimentazzjoni;
 - il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-UE fix-xena globali billi jiġi amplifikat is-sett ta' għodod dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-istrumenti u l-politiki ewlenin tiegħu;
 - Titrawwem UE magħquda u koordinata permezz tal-promozzjoni ta' azzjoni aktar effiċjenti u koerenti.
2. L-oġġettivi elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu segwiti billi tingħata priyorità lill-protezzjoni u lill-awtonomizzazzjoni tal-individwi; il-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi; il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; teknoloġiji ġodda: l-użu tal-opportunitajiet u l-indirizzar tal-isfidi; u, il-ksib ta' riżultati permezz tal-kollaborazzjoni. Azzjonijiet dettaljati għal dan il-għan huma stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija meħmuż ma' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkopri l-perjodu 2020-2024. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-mezzi meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni.

Artikolu 3

Il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mir-Rappreżentant Għoli, għandhom jiżguraw konsistenza bejn il-miżuri adottati biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni u miżuri oħra fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill Ewropew
Il-President
C. Michel